Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Micallef)

vs

Gordon Agius

Illum 1 ta' Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmija imputat Gordon Agius, iben Carmelo u Helen nee Attared imwieled Pieta fit-8 ta' April, 1972 u ghandu karta tal-identita Nru 185472(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli :

F'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u cioe qabel it-22 ta' Mejju 1998 b'ghemil zieni ikorrompa persuni taht l-eta u cioe lil Gauci Marilyn u Claudine u Azzopardi Abigale u aktar talli fl-istess perjodu biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor u hajjar ghall-prostituzzjoni persuni taht l-eta u aktar talli irrenda ruhu komplici f'reat ta' serq billi b'mezz ta'

rigali, weghdiet theddid jew b'ghemil qarrieqi, maniggi jew inkella b'abbuz ta' awtorita jew setgha u sahhah il-volonta ta' persuni ohra biex dan ir-reat ta' serq jigi esegwit u aktar talli fl-istess perjodu xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li ikun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u fl-ahhar talli irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu milll-Qorti ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-2 ta' Settembru, 1998 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 204 (1) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 49, 50 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament.

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

Ikkunsidrat :

Illi fit-28 ta' Mejju, 1998 ghall-habta tas-1.30a.m. il-pulizija irceviet rapport dwar in-nuqqas ta' tlett persuni taht l-eta. Minn stharrig illi ghamlet il-pulizija irrizulta illi dawn it-tlett tfajliet kienu gew misjuba fil-Euro Club Hotel il-Qawra. Dawn it-tfajliet ingabu l-ghassa permezz tal-genituri taghhom u irrizulta mill-membri tal-familja ta' dawn it-tlett tfajliet illi l-imputat fuq imsemmi kien mar ghal dawn it-tfajliet f'xi l-10.00p.m., hadhom fejn kellu jehodhom u spiccaw fil-Euro Club Hotel. Il-pulizija ippruvaw ikellmu lil dawn it-tlett tfajliet u lil Abigail Azzopardi, saru konfronti ma membri tal-familja taghhom u dejjem skond l-Ispettur Carmelo Micallef Abigail Azzopardi ammettiet illi kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat fuq imsemmi kemm minn quddiem kif ukoll minn wara. Il-pulizija ghamlet konfront bejn Abigail Azzopardi u membru iehor tal-familja taghha u din il-membru tal-familja taghha qalet lill-pulizija dak illi skond hi kien ghamel l-imputat fuq imsemmi. Hija qalet lill-pulizija illi l-imputat kien hadha Hal-Far fil-prezenza

ta’ wahda mill-ahwa Gauci u ghamel certu affarijiet maghha fil-prezenza ta’ wahda mill-ahwa Gauci.

Illi gie irrappurtat ukoll lill-pulizija illi missier Abigail Azzopardi sab nieqsa s-somma ta’ il-fuq minn elf lira Maltin u kellu suspett illi dawn kienu ittiehdu mit-tifla tieghu Abigail Azzopardi li kellha 13 il-sena. Effettivament Abigail Azzopardi ghall-ewwel cahdet li kienet hadet dawn il-flus, pero’ meta l-pulizija kellmu lil Marilyn Gauci, Marilyn Gauci qalet lill-pulizija illi kienet rat lil Abigail Azzoparti tiehu l-flus mid-dar ta’ missierha u umbaghad kienet tat is-somma ta’ hames mitt lira lill-imputat fuq imsemmi.

Illi skond l-Ispettur Micallef, Abigail Azzopardi ammettiet mieghu li kienet tat xi flus lill-imputat fuq imsemmi. L-Ispettur Micallef kompla jixhed illi l-imputat kien cahad l-allegazzjonijiet kollha li kienu saru fil-konfront tieghu mal-pulizija. Fil-fatt kien sar konfront bejn Abigail Azzopardi u Gordon Agius u Abigail Azzopardi ammettiet fil-prezenza tal-imputat li kien ghamel certu atti sesswali maghha u ammettiet ukoll li Gordon Agius kien hadha xi postijiet il-Gzira.

Illi Gordon Agius irrifjuta li jirrilaxxja stqarrija ghalkemm baqa jichad dak kollu li bdew jallegaw il-persuni imsemmija kontra tieghu.

Illi l-pulizija ghamlet tfittxija fid-dar ta' dawn it-tlett tfajliet u elevat xi 'diaries' ta' Abigail Azzopardi u elevat ukoll diversi karti ta' flus Maltin flimkien ma zewg mazzi cwievet u kaxxa kulurita li fiha kien hemm ukoll xi flus.

Illi apparti minn Abigail Azzopardi z-zewg tfajliet l-ohrajn illi kienu gew irrappurtati bhala li ma irritornawx id-dar taghhom u illi sussegwentement kienu instabu fil-Euro Club Hotel kienu Claudine Gauci u Marilyn Gauci.

Illi xehed PS10443 Francis Pace illi ikkonferma illi dan it-tlett tfajliet kienu instabu f'lukanda vicin l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra.  Huwa qal illi l-imputat fuq imsemmi cahad l-incident kollu minkejja illi fil-prezenza tal-pulizija Abigail Azzopardi kienet akkuzatu illi kellu x'jaqsam maghha sesswalment.

Illi xehed Louis Azzopardi illi jigi missier Abigail Azzopardi. Huwa ftakar illi f'Mejju tan-1998 kienu ghamlu rapport lill-pulizija fis-sens illi bintu Abigail ma kienitx irritornat id-dar. Huwa xehed illi meta ra illi bintu ma kienitx irritornat id-dar

huwa beda jinkwieta u bintu l-ohra, li hija ikbar minn Abigail, qaltlu illi meta kienet telqet mid-dar Abigail kienet hadet il-hwejjeg maghha.  Huwa mar fil-post fejn kellu l-flus merfughin u sab illi kien hemm biss is-somma ta' erba mija u sebghin lira mis-somma ta' elfejn, mija u hamsin lira. Huwa umbaghad mar ifittex lis-Surgent Frankie Pace sabiex jghinu isib lill-bintu.  L-ghada filghodu cempillu certu Peter Gauci illi kellu zewg tfajliet ulied tieghu li wkoll kienu ma irritornawx id-dar.  Huwa kien gie sussegwentement infurmat mill-pulizija tan-Naxxar illi t-tfal kienu l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra.

Illi xehed Gaetano Borg 'receptionist' fil-Euro Club Hotel il-Qawra.  Huwa gie muri d-Dokument CSH9 u ikkonferma li kien hareg din l-ircevuta f'isem il-Euro Club Hotel. Huwa xehed illi kienet giet tifla tibbukja kamra u kien krihielha. Huwa qal li kienu gew tlett tfajliet hallsu hames liri per person ghal 'bed and breakfast'.

Illi xehdet Marilyn Gauci, wahda mit-tlett tfajliet illi kienet ghebet dakinhar in kwistjoni u qalet illi taf lill-imputat fuq imsemmi peress illi l-habiba taghha Abigail Azzopardi kienet tiddiskrivih bhala l-gharus taghha.  Hija qalet illi gieli kienet harget ma Abigail u mal-imputat u gieli kienu jkunu hi, Abigail, ohtha Claudine u l-imputat.  Kienu immorru l-

bandli jew ta' Birkirkara, jew ta' Bugibba u kienu jmorru bil-karozza tal-imputat. Ix-xhud kompliet tghid illi Abigail kienet qaltilha illi l-imputat kien issawwatha u li hi kienet ser titlaq mid-dar u hi marret maghha u fil-fatt marru l-Euro Club Hotel hi, Abigail u ohtha Claudine. Ix-xhud kompliet tghid illi Gordon hadhom fil-Euro Club Hotel. Pero' l-lukanda hallsuha huma. Kienet tathom il-flus Abigail u allura hallsu l-kamra tal-lukanda. Ix-xhud qalet illi fil-lukanda kienu hi, ohtha u Abigail biss. L-imputat ma kienx gie maghhom. Marilyn Gauci kompliet tixhed illi missier Abigail Azzopardi kellu mohba fid-dar tieghu fejn kien izzomm il-flus u hija taf illi Abigail Azzopardi qabdet u hadet il-flus biex ikollha x'tonfoq. Fil-fatt rat lil Abigail tghodd il-flus quddiemha u b'kollox kellha s-somma ta' tlett mitt lira (LM300). Ix-xhud qalet ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet ohrajn fejn fil-fatt Abigail hadet daqqa ghaxar liri, daqqa ghoxrin lira u dan tafu ghaliex Abigail kienet tiehu il-flus quddiemha, jigifieri fil-prezenza tax-xhud. Ix-xhud qalet ukoll illi ratha f'okkazzjonijiet ohra tiehu hames mitt lira minn dan il-'pouch' illi kellu missierha u tathiehom lill-imputat u dan ghaliex l-imputat kien ser ibiddel il-magna tal-karozza tieghu u hija tatu dawn il-flus jigifieri dawn il-hames mitt lira (LM500) fil-prezenza taghha u fil-prezenza ukoll ta' ohtha Claudine. Ix-xhud qalet illi mal-imputat ma kienu ghamlu xejn hazin u illi ohtha fil-fatt kienet dejjem tkun fil-

prezenza taghha. Hija qalet illi qatt ma nezghu jew ghamlu xi affarijiet bhal dawn fil-prezenza tal-imputat. Pero' Abigail ma kienitx tkun il-hin kollu maghha u xi kultant kienet titlaq mal-imputat wahedha. Kullma ratha taghmel lil Abigail kienet li ratha tbus lill-imputat. Kienet gieli ratha tbusu fuq xufftejh. Ix-xhud kompliet tghid illi qatt ma rat lil Gordon bla hwejjeg jew jinza. Pero' lil Abigail gieli ratha minghajr hwejjeg imma dan meta kienu jkunu d-dar u tkun diehla biex tinhasel. Ix-xhud kompliet tghid illi gieli rat lill-imputat imiss lil Abigail, per ezempju ipoggi idejh fuq saqajha. Pero' qatt ma ratu imissha minn taht il-hwejjeg.

Illi xehdet Abigail Azzopardi u qalet illi lill-imputat kienet tafu fuq ir-'radio', huma kienu jitrasmettu xi messaggi permezz tar-'radio'. Sussegwentement kienet iltaqghet mal-imputat l-Iklin. Darba minnhom, skond Abigail Azzopardi, l-imputat kien qalilha li kien qieghed l-Iklin minn fuq ir-'radio' u hija marret tiltaqa mieghu. Umbaghad bdew jitkellmu f'okkazzjonijiet ohrajn fuq ir-'radio' u regghu iltaqghu flimkien u hargu flimkien. Hija qalet li kienu johorgu flimkien, imorru per ezempju Bugibba u kienu iduru bil-karozza tal-imputat. Gieli kienet tigi maghhom kugina taghha, certu RoseMary Delicata u fl-ahhar zminijiet kienet tigi Marilyn u ohtha Claudine. Ix-xhud qalet illi lill-imputat kienet tatu l-flus. Fil-fatt kienet tatu s-somma ta' hames

mitt lira (LM500) li kienet gabithom minghand missierha, imma ovvjament minghajr il-permess ta' missierha. Ix-xhud qalet ukoll illi kienet hadet tletin lira ohra (LM30) biex thallas xi lukanda. Hija qalet illi kien hemm okkazzjonijiet ohrajn meta hadet il-flus minghand missierha, per ezempju meta xtrat ir-'radio' hija kienet hadet is-somma ta' mitejn lira (LM200) minghand missierha. Gieli hadet ukoll ghaxar liri jew ghoxrin lira biex tohrog mal-hbieb. Ix-xhud qalet illi dawn il-hames mitt lira (LM500) li tat lill-imputat tathomlu fil-prezenza tal-habiba taghha Marilyn. Hija tathomlu f'envelope peress illi qalilha li ried jixtri magna ghall-karozza bihom. Ix-xhud qalet illi l-imputat kien jigi l-'boyfriend' taghha, pero' wahedhom qatt ma hargu. Gieli hargu fil-prezenza ta' Marilyn u Claudine. Kienu iwwasluhom id-dar umbaghad jibqghu hergin wahedhom. Hija qalet illi l-imputat kien ibusha fuq xufftejha u fuq xufftejha biss. Hija xehdet ukoll illi l-imputat kien imissha fil-parti taghha, pero' din grat darba wahda biss u hija qatt ma kienet messet lilu. Illi Abigail Azzopardi xehdet illi darba minnhom pero' kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat. Kienu fil-karozza tieghu Ta' Qali u kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat kemm minn quddiem, kif ukoll minn wara. Hija xehdet illi l-imputat kien qalilha li kellu bzonn xi flus u hija qabdet u tathomlu. Hija xehdet illi kienet qaltlu li kienet ser iggib il-flus minghand missierha u

li missierha ma kienx jaf b'dan, pero' kienet ser tehodhom minghandu minghajr ma titolbu l-permess. Ix-xhud gharfet id-dokument CSH6 bhala d-'diary' taghha. B'referenza ghal dak li hemm miktub a fol. 8 u 9 ta' dan id-'diary' Abigail Azzopardi qalet illi l-guvni imsemmi f'din il-faccata tad-'diary' huwa l-bniedem illi kellu r-'radio' u dan kien 'boyfriend' ta' darba tal-kugina taghha. Ix-xhud qalet illi l-Gzira qatt ma marret u l-imputat qatt ma hajjarha biex igibilha xi 'boyfriends' ohrajn jew biex taghmel affarijiet konnessi ma sess ma irgiel ohrajn u lanqas qatt ma hadha f'postijiet ohra sabiex tiltaqa ma guvintur ohrajn. Ix-xhud gharfet a fol. 6 ta' dan id-diary id-Dokument CSH u qalet illi hija kienet tohrog bhala hbieb, jigifieri 'boyfriends' mal-Bamboo, ma Frica, ma Tatanga, ma Chippy u ma iehor maghruf bhala JVL. Hija qalet li kienet tohrog u tiltaqa ma dawn il-guvintur pero' qatt ma bisithom. B'referenza ghal Brian imnizzel f'din l-istess faccata tad-'diary' hija qalet li kienet qed tirreferi ghal Brian tal-Back Street Boys. Hija xehdet ukoll illi hadd mill-guvintur imsemmija a fol. 6 ma ghandu karozza. Abigail Azzopardi kompliet tixhed illi lill-imputat ghall-ewwel kienet qaltlu li kellha hmistax il-sena, umbaghad sussegwentement kellha xi tghid ma huha Kevin, ta' dsatax il-sena u huha kien qal lill-imputat illi hija kellha tlettax il-sena. Hija kompliet tixhed illi dakinhar illi sabuha l-pulizija kellha ghoxrin lira (LM20) u l-ohrajn

kellhom il-flus taghhom.  Hija cahdet illi kienet tat xi flus lil ohrajn.

Illi xehdet Marilyn Gauci u qalet illi l-flus li kellha fil-basket kienet tathomha Abigail il-Hamis filghaxija.  Fil-fatt qalet illi Abigail Azzopardi kienet tatha mitejn lira u minn dawn il-mitejn lira hija kienet tat mija lil ohtha.  Marilyn Gauci xehdet illi Abigail kienet gabet il-flus minn ‘pouch’ illi kien hemm f’hofra taht l-art f’dar missierha.

Illi Abigail Azzopardi ikkonfrontata ma Marilyn Gauci cahdet illi kienet tatha l-flus kien xehdet Marilyn Gauci u qalet illi Marilyn taf minn fejn tiehu l-flus ghaliex gieli ratha tiehu xi flus per ezempju meta kienet hadet il-hames mitt lira u meta hadet tletin lira.

Illi Mariyln Gauci f’dan l-istadju qalet “le mhux veru, inti hadt aktar minn tletin lira u fil-fatt lili tatni mitejn lira u waqqajt lil ohti ukoll ghax tajtha mija minnhom.”

Illi matul dan il-konfront illi sar Abigail Azzopardi u Marilyn Gauci kontinwament bdew jikkontradixxu u igiddbu lil xulxin.

Illi Abigail Azzopardi b'referenza ghac-cwievet illi ghandhom il-'keychain' ta' La Vache Qui Rit qalet illi dawn huma cwievet hziena. B'referenza ghal ghaxar liri illi instabet fid-'diary' taghhom hija qalet illi dawn il-flus kienet hadithom minghand missierha.

Illi xehdet Claudine Gauci u gharfet lill-imputat u qalet illi gieli harget fil-kumpannija tieghu pero' bhala hbieb u mhux bhala xi 'boyfriend'. Qalet illi meta hargu mal-imputat kienu jkunu hi, Abigail u ohtha. Gieli marru l-bandli ta' Birkirkara jew ta' Bugibba. Claudine Gauci qalet illi Abigail Azzopardi lilha qatt ma tatha flus. Fil-fatt ohtha kienet tatha ftit aktar minn disghin lira ghaliex kienu nefqu xi ftit flus fil-lukanda. Ohtha kienet gabet dawn il-flus minghand Abigail Azzopardi u l-flus li tatha ohtha kienu diga ghanhda. Ix-xhud qalet li lil Gordon u lil Abigail rathom meta kienu fil-prezenza taghha u ta' ohtha u qatt ma rathom johorgu flimkien wahedhom. Qatt ma rathom jitbewsu u qatt ma rat lill-imputat imiss lil Abigail quddiemha. Kompliet tghid li l-imputat qatt ma hadha imkien biex tiltaqa ma xi irgiel u hija qatt ma marret mal-imputat la Ta' Qali u lanqas Hal-Far. Finalment ix-xhud qalet illi Abigail Azzopardi qatt ma qaltilha illi l-imputat kien il-'boyfriend' taghha.

Illi regghet xehdet Marilyn Gauci u qalet illi hija kellha tnax il-sena u li Abigail Azzopardi gieli qaltilha illi kellha xi ‘boyfriend’ daqqa per ezempju Gordon, daqqa Rosman u gieli semghetha ukoll isemmi lil JCB, lil Justin u lilha kienet tghidilha li kienet tohrog ma dawn il-guvintur u kienet toqghod tikteb kollox fuq id-‘diary’ taghha. Ix-xhud qalet illi Abigail Azzopardi qatt ma qaltilha jekk kienitx toqghod tbus lil dawn il-guvintur jew le u l-ewwel darba li kienet harget ma Abigail Azzopardi kien meta bdiet tohrog mal-imputat.

Illi xehdet RoseMary Delicata, kugina ta’ Abigail Azzopardi u qalet illi saret taf lill-imputat peress li kienu johorgu mieghu hi, Abigail Azzopardi, Marilyn, Claudine u xi guvintur ohrajn hbieb tal-imputat. Kienu imorru dawra bil-karozza fl-inhawi tal-Iklin u ta’ Birkirkara. Dwar postijiet ohrajn qalet illi ma tiftakarx. Ix-xhud qalet illi l-imputat sa fejn taf hi kien il-‘boyfriend’ ta’ Abigail Azzopardi. Gieli ratu ibusha jew jaqbdilha saqajha. Ix-xhud kompliet tghid ukoll illi darba minnhom marru lukanda l-Euro Club u kienu hi, Abigail Azzopardi, l-imputat, Marilyn, Rita, Andy u Jason u qalet illi dakinhar fil-lukanda hi ma ghamlet xejn. Ix-xhud kompliet tghid illi kienu raqdu kollha f’kamra wahda, pero’ kien hemm kamra ohra illi fiha kienu qaghdu Abigail Azzopardi u l-imputat u Jason u Marilyn. Pero’ sussegwentement ix-xhud qalet illi l-ewwel kienu dahlu

Jason u Marilyn, umbaghad kienu dahlu hemm hekk Abigail u l-imputat. Ix-xhud qalet ukoll illi l-imputat gieli gabilha xi irgiel, illi wiehed lanqas biss taf x'jismu, u kien jirrangalha date maghhom. Ix-xhud qalet illi l-imputat kien jghidilha li kien qed jaghmel hekk biex hi ma tkunx wahedha. Sussegwentement ma baqghetx taghmilha maghhom. Ix-xhud qalet pero' li dawn l-irgiel li kienu jkunu maghha qatt ma kienu jhallsuha u qalet ukoll illi qatt ma ghamlet xejn maghhom. Ix-xhud kompliet tghid illi kienu jmorru l-lukanda biex jiehdu pjacir. Pero' fl-istess hin qalet li hija qatt ma ghamlet xejn ma dawn l-irgiel. Mistoqsija mill-Qorti sabiex tispjega x'tifhem biha li tiehu pjacir ix-xhud qalet illi per ezempju imorru fil-pool tal-Euro Club Hotel. In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi marret fil-lukanda mhux biex tiehu pjacir mal-guvintur imma biex tiehu pjacir hi. Ammettiet ukoll illi li kieku lill-imputat qaltlu biex ma joqghod igibilha aktar irgiel huwa ma kienx kompla igibilha l-irgiel. Hija xehdet li kienu jkunu hi u kugintha u l-imputat u xi guvintur, imma kienu joqghodu flimkien bhala hbieb. Hija qalet illi l-imputat kien jghidilha per ezempju minn qabel inti mur ma dak. Pero' hija qatt ma marret fis-sodda ma hadd minnhom. Kienet tmur biss xi dawra fil-karozza ghaliex hija dejjem tghid le. Ix-xhud kompliet tghid illi dawn l-irgiel kienu jippruvaw ikollhom x'jaqsmu maghha pero' qatt ma irnexxielhom. Kienu jippruvaw ikollhom x'jaqsmu

maghha fil-karozza li kien ikun qieghed isuqha l-imputat u kien ikun hemm hdejh Abigail Azzopardi. Mistoqsija jekk dawn l-irgiel qattx tawha xi rigali jew hallsuha ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Pero' qalet illi Abigail Azzopardi gieli kienet thallasha. Bhalma kienet thallas lilha kienet thallas ukoll lil Marianne. Fuq domandi tal-Qorti x-xhud wiegbet illi lil Gordon hija kienet damet tafu xi tlett gimghat, pero' dawn l-irgiel illi semmiet li kien igibilha l-imputat huma dam igibhomha biss gimgha ghaliex umbaghad hija bdiet issib l-iskuzi sabiex tevita illi tmur mal-imputat u ma Abigail Azzopardi.

Illi regghet xehdet Abigail Azzopardi u qalet illi saret taf lill-imputat permezz tas-CB radio. Hija kienet xtrat dan is-CB radio billi kienet hadet il-flus minghand missierha minghajr il-permess tieghu u ghamlet hekk sabiex hija tkun tista titkellem man-nies u tiltaqa maghhom b'dak il-mod. Ix-xhud qalet illi kienet iltaqghet mal-imputat madwar xahrejn qabel ma inqala l-kas odjern. Meta kienet iltaqghet mal-imputat hija ma kienitx marret l-iskola, kienet iltaqghet mal-imputat u marret dawra mieghu bil-karozza sa Bahar ic-Caghaq u Birkirkara. Hija qalet illi kellha relazzjoni sesswali mal-imputat madwar gimghatejn qabel bdiet il-kawza odjerna u li dan gara ghaliex hekk riedu it-tnejn illi huma. Ix-xhud kompliet tghid illi meta hi u l-imputat kienu johorgu bil-

karozza kienu jigu maghhom il-kugina taghha Rosemary Delicata, Marilyn u ohtha Claudine. Hija kienet tmur mat-tfajliet, cioe' ma Marilyn u Claudine u darba kienet giet kugintha Rosemary. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat kien qalilha li kellu bzonn hames mitt lira biex jirranga xi magna fil-karozza u hija hadet il-flus minghand missierha minghajr ma ottjeniet il-permess tieghu u tathom lill-imputat. Hija cahdet li qatt tat xi flus lil shabha t-tfajliet u qalet ukoll illi qabel l-imputat hija kellha x'taqsam sesswalment ma zewgt irgiel ohrajn illi kienu certu Clifford u certu Justin. L-imputat kien it-tielet guvni li kellha x'taqsam mieghu sesswalment. Dwar id-'diary' hija qalet li bdiet izommu mill-bidu tas-sena 1998 u fih kienet tnizzel per ezempju meta harget l-ewwel darba mal-imputat, meta harget ma kugintha, ma shabha, fejn marru u x'ghamlu. Din id-darba Abigail Azzopardi xehdet illi meta tat il-hames mitt lira (LM500) lill-imputat kienet qaltlu li hadet il-flus minghand missierha, pero' ma kienitx qaltlu li kienet hadet il-flus ghad insaputa ta' missierha u dana in kontradizzjoni max-xhieda taghha precedenti.

Illi regghet xehdet Abigail Azzopardi u qalet illi qatt ma kellha 'boyfriends' ohrajn qabel ma iltaqghet mal-imputat u cahdet illi kienet qalet lill-imputat li qabel ma iltaqghet mieghu kellha 'boyfriends' ohrajn. Hija xehdet illi kienet

iltaqghet ma guvintur permezz tas-CB ‘radio’, pero’ qatt ma harget maghhom bhala ‘boyfriend’ u ‘girlfriend’. Hija kienet organizzat li tiltaqa mal-imputat f’lukanda wara li kienet telqet mid-dar. Ix-xhud kompliet tghid illi kienet qalet lill-imputat illi kellha sittax il-sena maghluqa u cahdet illi qatt qalet lill-imputat illi kellha x’taqsam sesswalment ma persuni ohrajn.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u qal illi kien iltaqa ma Abigail Azzopardi permezz tas-CB ‘radio’ u hija qaltlu li xtaqet tiltaqa mieghu wicc imb’wicc. L-imputat xehed illi darba minnhom iltaqa maghha, staqsiha kemm kellha zmien u hija qaltlu li kellha sittax, u li kienet ser tghalaq sbatax l-sena. Huwa bdew jinzlu l-bandli ta’ Birkirkara flimkien maghha u mal-kugin tieghu. Kienu jkunu tfajliet u guvintur. L-imputat cahad illi qatt iltaqa ma Abigail Azzopardi f’xi lukanda, jew li qatt heggigha biex tibbukja lukanda. Huwa cahad illi qatt taghtu xi flus jew li qatt gieghelha tiehu flus minghand missierha biex taghtihom lilu. L-imputat cahad ukoll illi qatt kellu x’jaqsam sesswalment ma Abigail Azzopardi. Huwa qal illi qatt ma kienu jkunu wahedhom imma kienu jkunu mal-hbieb. L-imputat qal ukoll illi kienu qeghdin isirulhom telefonati anonimi u kienu ghamlu rapport dak iz-zmien lit-TeleMalta Corporation sabiex isiru jafu min kien. L-imputat rega

cahad b'mod kategoriku illi qatt ma kellu x'jaqsam sesswalment ma Abigail Azzopardi.

Illi xehed Charlot Taliana illi qal illi huwa kien johrog mal-imputat. Ix-xhud qal illi kien jaf lil Abigail Azzopardi u kien jaf illi kienet tkun fi grupp ta' guvintur u tfajliet u illi hu kien ikun ukoll f'dan il-grupp li fih kien ikun hemm l-imputat, Neville Demicoli, u certu Andy. Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm tfajla li kienet qaltilhom li kien jisimha Alexia meta fil-fatt kien jisimha Rosemary. Dan qalitulu t-tfajla tieghu, li pero' ma kienitx tkun f'dan il-grupp. Ix-xhud kompla jghid illi f'dan il-grupp kienu jmorru l-bandli Birkirkara, gieli marru Paceville u gieli marru fil-pubs. Il-grupp kien jiltaqa tlett darbiet fil-gimgha. Ix-xhud kompla jghid li hu u Gordon kienu johorgu flimkien u jidhlu flimkien u qatt ma ra xejn specjali bejn l-imputat u din Abigail Azzopardi. Huwa qal illi kienu johorgu biss bhala hbieb. Ix-xhud kompla jghid illi qatt ma ra fil-prezenza tieghu lill-imputat jaghmel xi haga ma Abigail Azzopardi. Ix-xhud qal li lil Abigail Azzopardi kien ikellimha u qatt ma kienet qaltlu li kienet harget wahedha mal-imputat, jew li ghamlet xi haga mieghu. Huwa qal illi l-imputat qatt ma qallu li kien ghamel xi haga ma Abigail Azzopardi.

Illi xehed Andrew Attard illi qal illi kien hemm xi zmien illi kienu jkunu hu u l-imputat fil-kumpannija ta' xulxin u ma xi hbieb ohrajn certu Jason Spiteri, Omar Fenech, wiehed mill-Mosta ma jafx x'jismu. Kien ikun hemm Abigail Azzopardi u xi tfajliet ohrajn. Ix-xhud qal li huma kienu jkunu il-'playing field' Birkirkara u Abigail u l-hbieb taghha kienu jkunu hemm hekk. Ix-xhud kompla jghid illi hu u l-imputat gieli marru jiehdu drink Paceville. Ix-xhud kompla jghid li gieli kien jitla mal-imputat bil-karozza tal-imputat u gieli telghu bil-karozza tieghu Paceville. Abigail u shabha kienu jaqbdu u jidhlu fil-karozza tal-imputat u kien ikun hemm gwerra sabiex inizzluhom mill-karozza tal-imputat ghaliex ma jkunux iridu jinzlu minnha. Ix-xhud qal li ma kienux jaghtu xi kunfidenza specjali lil Abigail u lil shabha. Kienu huma li kienu jaqbdu u jiehdu l-kunfidenza u jidhlu fil-karozza tal-imputat. Huwa kompla jghid li Abigail Azzopardi kienet tkun ma zewg tfajliet minn Naxxar u gieli kienet tkun mal-kugina taghha li huwa ma kienx jaf x'jisimha. Andrew Attard kompla jixhed illi l-imputat kien dejjem ikun mieghu ghaliex meta kien johrog bil-karozza tieghu hu kien iwasslu d-dar u fil-fatt hu qatt ma rikkeb lil Abigail u lil shabha fil-karozza tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi meta kien johrog mal-imputat bil-karozza tal-imputat hu kien ihalli l-karozza tieghu fejn id-dar tal-imputat. Huwa qal illi fil-prezenza tieghu Abigail Azzopardi qatt ma ghaddiet xi

flus lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat gieli kien jghidlu li Abigail u shabha kienu qeghdin idejquh hafna ghaliex Abigail Azzopardi bil-fors kienet tkun trid toqghod mieghu u hu kien ikecciha ‘l hemm. Gieli ukoll meta hu u Jason Spiteri kienu imorru fil-parapett tad-dar tal-imputat Abigail u shabha kienu jigu hemm hekk u kien ikollhom jidhlu fil-garaxx tad-dar tal-imputat sabiex jehilsu minnhom. Finalment ix-xhud qal illi huwa ma jafx u qatt hadd ma qallu illi l-imputat qatt hareg wahdu ma Abigail Azzopardi.

Illi xehed ukoll Carmel Agius illi jigi missier l-imputat. Huwa qal illi fil-perjodu in kwistjoni u cioe’ ghall-habta ta’ Mejju, 1998 u anke xi xhur qabel kien jigi d-dar u kien isib wara l-bieb tieghu lil Abigail Azzopardi u kien ikollu ikkecciha minn wara l-bieb tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi wara li ibnu kien gie arrestat huwa beda jircevi telefonati anonimi fid-dar tieghu. Huwa kien jisma lehen ta’ mara, kien ghamel rapport lil Maltacom Corporation u minn hemm hekk kienu qabdu lil min kien qieghed icempillu b’mod anonimu. Ix-xhud kompla jghid illi kienu hadu ukoll proceduri kriminali kontra din il-persuna illi fil-fatt kienet Abigail Azzopardi illi sussegwentement kienet giet liberata mill-akkuza.

Illi xehdet Helen Agius, omm l-imputat u ikkonfermat ix-xhieda li ta zewgha.

Illi xehed l-Ispettur Carmelo Micallef u ikkonferma illi missier l-imputat kien ghamel rapport dwar telefonati anonimi. Kien irrizulta mill-istharrig illi kienu ghamlu tal-Maltacom illi t-telefonati kienu qeghdin isiru mid-dar ta' Louis Azzopardi li jigi missier Abigail Azzopardi. Kienu ittiehdu passi kriminali, pero' missier l-imputat kien irtira l-kwerela tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat talli ikkorrompa persuna ta' taht l-eta. Jinsab akkuzat ukoll talli hajjar ghall-prostituzzjoni persuni ta' taht l-eta u jinsab akkuzat ukoll talli xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa. Finalment huwa jinsab akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel akkuza u cioe' dik illi l-imputat fuq imsemmi ikkorrompa persuni ta' taht l-eta il-Qorti tara illi din l-akkuza tal-konfront ta' Marilyn Gauci u Claudine Gauci certament ma tirrizultax u dana skond ix-xhieda tal-istess Marilyn Gauci u Claudine Gauci illi xehdu b'mod assolut illi l-imputat qatt ma kellu x'jaqsam maghhom

sesswalment u qatt ma ghamel xi haga fil-prezenza taghhom illi setghet b'xi mod tikkorrompihom.

Illi ghal dak illi jirrigwarda Abigail Azzopardi l-Qorti tara illi din certament ma kienitx xhud credibbli u illi kull darba illi xehdet dejjem bidlet il-verzjoni taghha. B'mod partikolari l-Qorti trid tirrimmarka illi darba minnhom Abigail Azzopardi xehdet illi qabel ma kellha relazzjoni sesswali mal-imputat hija kellha relazzjoni sesswali ma guvintur ohrajn u f'seduta ohra hija regghet xehdet fil-Qorti u qalet din id-darba illi qatt ma kellha relazzjoni sesswali ma guvintur ohrajn u illi l-ewwel relazzjoni sesswali illi kellha kienet mal-imputat.

Illi dan it-tibdil kollu fil-verzjonijiet ta' Abigail Azzopardi kemm fuq dan il-punt kif ukoll fuq diversi punti ohrajn kif jirrizulta mill-istess xhieda ta' Abigail Azzopardi iwasslu lill-Qorti sabiex tiddikjara lil Abigail Azzopardi bhala xhud mhux kredibbli.

Illi da parti tieghu l-imputat dejjem cahad kemm mill-bidu tal-investigazzjoni illi saret mill-pulizija, kif ukoll kull darba illi xehed fil-Qorti illi qatt kellu x'jaqsam sesswalment ma Abigail Azzopardi. L-imputat dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni illi ta fil-Qorti, kif ukoll fil-verzjoni illi ta lill-pulizija waqt illi kien qieghed jigi investigat.

Illi sabiex jissusisti r-reat ta' korruzzjoni ta' minorrenni apparti mill-aspett formali tar-reat irid ikun hemm ukoll l-atti di libidine "li jikkostitwixxu umbaghad il-korruzzjoni. L-atti di libidine" jistghu jigu kommessi jew fuq il-persuna jew inkella fil-prezenza tal-minuri. L-"atti di libidine" skond il-Manzini Trattato di Diritto Penale Italiano Volum 7 pagna 359 huma dawk l-*atti diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta con concupiscenza.*

Illi fil-kawza "The Police vs Thomas Wiffen" deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano fit-8 ta' Jannar 1996 il-Qorti kienet qalet hekk : *"whether there has been defilement or not is not something that can be measured with any known specific instrument but is something which has to be assessed by the prudent Judge the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases, taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act of acts. If the lewd acts are not apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been*

*affected by those acts for example, because he or she was, to some degree, already depraved, whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Illi fil-kaz in kwistjoni apparti illi tezisti konflitt car ta' provi peress illi l-imputat da parti tieghu qieghed jichad illi qatt gara xi haga bejnu u bejn Abigail Azzopardi u peress ukoll illi Abigail Azzopardi l-ewwel qalet illi kellha x'taqsam sesswalment ma persuni ohrajn, umbaghad qalet illi ma kellhiex x'taqsam ma persuni ohrajn qabel l-imputat allura certament ma jistax jinghad illi dan ir-reat gie ippruvat sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni u cioe' li l-imputat hajjar ghall-prostituzzjoni persuni taht l-eta il-Qorti wara li fliet il-provi rat b'mod partikolari illi kemm Marilyn Gauci, Claudine Gauci, kif ukoll Abigail Azzopardi, it-tlieta li huma cahdu b'mod kategoriku illi l-imputat qatt gabilhom xi irgiel sabiex ikollhom x'jaqsmu maghhom sesswalment ghall-pagament ta' flus u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat ukoll minn din it-tieni imputazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u cioe' li l-imputat xjentement laqa ghandu u xtara hwejjeg misruqa jew mehudin b'qerq il-Qorti tara illi din l-imputazzjoni tirreferixxi ghax-xhieda ta' Abigail Azzopardi fis-sens illi hadet minghand missierha s-somma ta' hames mitt lira minghajr il-kunsens ta' missierha sabiex ghaddiet din is-somma lill-imputat biex jixtri magna ghall-karozza tieghu. Il-Qorti f'dan ir-rigward ezaminat ix-xhieda ta' Abigail Azzopardi fejn ukoll rat illi Abigail Azzopardi bidlet ix-xhieda taghha, bidlet il-verzjoni illi tat fix-xhieda taghha, fejn l-ewwel qalet illi tat din is-somma lill-imputat u l-imputat kien jaf illi hadet din is-somma ta' flus minghand missierha minghajr il-kunsens ta' missierha u sussegwentement Abigail Azzopardi xehdet illi meta ghaddiet din is-somma ta' flus lill-imputat l-imputat ma kienx jaf illi kienet hadet dawn il-flus minghand missierha minghajr missierha ma kien jaf u ghaldaqstant peress illi Abigail Azzopardi certament mhijiex xhud kredibbli l-Qorti tara wkoll illi din it-tielet imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-raba' imputazzjoni, una volta illi ma gewx ippruvati l-imputazzjonijiet l-ohajn, ma tistax tirrizulta din l-imputazzjoni.

Illi, in rikapitilazzjoni, l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tiddikjarah mhux hati tal-istess imputazzjonijiet u tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur